

RAPPORT TA' SORVELJANZA

Sorveljanza tal-HIV/AIDS fl-Ewropa 2011

Sommarju

Fl-2011, ġew irrapportati 28 038 dijanjożi tal-HIV minn pajjiżi tal-UE/ŻEE, jiġifieri rata ta' 5.7 għal kull 100 000 ruħ. Fl-2011, l-erba' pajjiżi bl-ogħla rati ta' dijanjożi tal-HIV kienu l-Estonja (27.3), il-Latvja (13.4), il-Belġju (10.7) u r-Renju Unit (10.0). L-inqas rati ġew irrapportati mir-Repubblika Ċeka (1.5) u s-Slovakkja (0.9). Mill-bidu tal-epidemija tal-HIV ġew irrapportati 420 564 dijanjożi tal-HIV fl-UE/ŻEE, li minnhom 297 388 kienu f'irġiel u 119 977 f'nisa (għal 3199 każ ma kienx hemm informazzjoni dwar is-sessi għad-dispożizzjoni).

L-ogħla sehem ta' dijanjożi ta' HIV ġie rrapportat minħabba sess bejn irġiel (39%), segwit minn trasmissjoni eterosesswali (23%) meta jiġu esklużi każijiet ta' trasmissjoni eterosesswali li joriġinaw minn pajjiżi Afrikani tas-sub-Saħara. Dawn tal-aħħar ammontaw għal 13% oħrajn ta' każijiet trasmessi b'mod eterosesswali. Għal 19% tal-każijiet, ma kienx magħruf il-mod ta' trasmissjoni.

Ir-rata ta' dijanjożi tal-HIV għal kull 100 000 ruħ tidher li baqgħet kemxejn stabbli maż-żmien, b'rata ta' 6.5 għal kull 100 000 ruħ fl-2004 (27 996 każ) u 6.2 għal kull 100 000 (30 960 każ) fl-2011 meta aġġustati għad-dewmien fir-rapportar. Ix-xejriet skont il-mod ta' trasmissjoni juru li n-numru ta' dijanjożi tal-HIV fost l-irġiel sesswalment attivi ma' rġiel (MSM) żdiedu bi 33% mill-2004. Għall-kuntrarju, in-numru ta' każijiet fost dawk li jieħdu d-droga bil-labra (IDU) naqas b'40%, għad li fl-2011 ġiet osservata żieda żgħira minħabba tifqigħat fil-Greċja u r-Rumanija. In-numru ta' dijanjożi ta' HIV minħabba trasmissjoni eterosesswali, trasmissjoni mill-omm għall-wild u t-trasfużjoni tad-demem baqa' jonqos bejn l-2004 u l-2011.

Fl-2011, l-informazzjoni dwar l-għadd taċ-ċelloli CD4 fil-mument tad-dijanjożi kienet disponibbli minn 21 pajjiż għal 15 625 każ (56% tal-każijiet kollha rrapportati fl-2011). Minn dawn, nofshom (49%) kienu rrapportati bħala pazjenti li ntebħu tard (għadd taċ-ċelloli CD4 <350/mm³), inklużi 29% tal-każijiet b'infezzjoni avanzata tal-HIV (CD4 <200/mm³). Is-sehem ta' pazjenti li ntebħu tard kien l-ogħla fost il-każijiet ta' trasmissjoni eterosesswali b'oriġini minn pajjiżi Afrikani sub-Saħarjani (63%) u fost IDU (48%). L-inqas sehem ta'

pazjenti li ntebħu tard ġie osservat f'MSM (38%) u f'każijiet ta' trasmissjoni mill-omm għall-wild (21%).

Fl-2011, ġew dijanjostikati u rrapportati 4424 każ ta' AIDS minn 28 pajjiż tal-UE/ŻEE (l-ebda dejta mill-Isvezja jew il-Liechtenstein), jiġifieri rata ta' 0.9 każijiet għal kull 100 000 ruħ. L-ogħla rati ġew irrapportati mil-Latvja (4.8), il-Portugall (2.8), Spanja (1.8) u l-Estonja (2.8). Fl-UE/ŻEE, in-numru ta' każijiet ta' AIDS naqas b'mod konsistenti sa min-nofs id-disgħinijiet.

Konklużjonijiet

Ir-riżultati l-ġodda tas-sorveljanza jindikaw li n-numru ta' persuni li jgħixu bl-HIV fl-Ewropa qiegħed jiżdied u li l-HIV huwa ferm ikkonċentrat f'popolazzjonijiet speċifiċi, bħal irġiel sesswalment attivi ma' rġiel oħra, dawk li jieħdu d-droga bil-labra, u nies li ġejjin minn pajjiżi ferm endemiċi, l-iktar l-Afrika tas-sub-Saħara. L-iktar żieda riċenti ta' HIV fost l-IDU indikat li anki numri baxxi fl-UE/ŻEE malajr jistgħu jevolvu f'tifqigħa meta l-intereventi tas-saħħa pubblika ma jkunux biżżejjed.

Is-sehem relattivament għoli ta' dijanjożi tard f'ħafna pajjiżi jindika dewmien fl-ittestjar għall-HIV u ħafna nies diġà jkunu eliġibbli għat-trattament meta jiġu dijanjostikati. Id-disponibilità wiesgħa tal-kura wessgħet l-għanijiet tas-sorveljanza tal-HIV sabiex tinkludi l-monitoraġġ tal-aċċess għall-kura u t-trattament. Hemm bżonn ta' aċċess imtejjeb madwar l-Ewropa għall-bidu tat-trattament u t-tnedija bikrija tiegħu, speċjalment għal popolazzjonijiet speċifiċi.

L-interventi għall-kontroll tal-epidemija jridu jkunu bbażati fuq evidenza u jiġu adattati għall-epidemjoloġija nazzjonali u lokali. Mid-dejta tas-sorveljanza ppreżentata fir-rapport, jista' jiġi konkluż dan li ġej:

- Għal ħafna pajjiżi fl-UE/ŻEE, l-interventi għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-HIV fost MSM huma importanti ħafna fit-tweġiba għall-HIV. Barra minn hekk, peress li iktar minn terz tal-każijiet ta' HIV trasmess b'mod eterosesswali ġew irrapportati f'nies li ġejjin minn pajjiżi ferm endemiċi (l-iktar mill-Afrika tas-sub-Saħara), il-pajjiżi jridu jaraw li l-interventi għall-prevenzjoni, it-trattament u l-kura jkunu aċċessibbli għal dawn il-popolazzjonijiet ta' migranti. Iż-żieda osservata ta' każijiet tal-HIV fost dawk li jieħdu d-droga bil-labra f'għadd ta' pajjiżi* turi l-bżonn li jinżamm jew li jissaħħaħ it-tnaqqis tal-ħsara fl-UE/ŻEE.
- Madwar l-Ewropa, hemm bżonn li s-servizzi ta' konsulenza u ttestjar tal-HIV jkunu promossi u aċċessibbli sabiex tiġi żgurata dijanjożi bikrija u t-tnedija fil-ħin tat-trattament u l-kura tal-HIV. Dan ser jirriżulta f'eżiti u benefiċċji kliniċi mtejba, kif ukoll ser jikkontribwixxi għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis ulterjuri tat-trasmissjoni tal-HIV. L-aċċess indaqs għall-prevenzjoni, l-ittestjar, it-trattament u l-kura tal-HIV għall-gruppi tal-popolazzjoni kollha għandu jiġi żgurat sabiex il-pajjiżi jissodisfaw l-għan globali ta' Aċċess Universali† għal dawk kollha li jeħtiġuhom.

* Pharris A, Wiessing L, Sfetcu O, Hedrich D, Botescu A, Fotiou A, et al. Human immunodeficiency virus in injecting drug users in Europe following a reported increase of cases in Greece and Romania, 2011. Euro Surveill. 2011;16(48):pii=20032. Disponibbli online: <http://www.eurosurveillance.org/ViewArticle.aspx?ArticleId=20032>

† Political Declaration on HIV/AIDS – United Nations General Assembly Resolution 60/262. New York, Nazzjonijiet Uniti, 2006.